

ANNESS I
KARATTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOSOR

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Versican Plus Pi lijofiliżat u solvent għal sospensjoni għall-injezzjoni għall-klieb

2. KOMPOŻIZZJONI KWALITATTIVA U KWANTITATTIVA

Kull doża ta' 1 ml fiha:

Sustanzi Attivi:

Lijofiliżat (attenwat ħaj):

Canine parainfluenza virus Tip 2, strejn CPiV-2-Bio 15

Minimu

$10^{3.1}$ TCID₅₀*

Massimu

$10^{5.1}$ TCID₅₀*

* 50% doża infettiva tat-tessut ikkultivat.

Ingredjenti oħra:

Kompożizzjoni kwalitattiva tal-ingredjenti u kostitwenti oħra
Lijofiliżat:
Trometamol
Edetic Acid
Sucrose
Dextran 70
Solvent:
Ilma għall-injezzjonijiet (<i>Aqua ad iniectabilia</i>)

Id-dehra viżiva hija kif ġejja:

Lijofiliżat: materjal bħal sponża ta' lewn bajdani

Solvent: likwidu ċar bla kulur.

3. TAGĦRIF KLINIKU

3.1 Speċi li fuqhom ser jintuża l-prodott

Klieb

3.2 Indikazzjonijiet għal użu tal-prodott li jispeċifikaw l-ispeċi li fuqhom se jintuża l-prodott.

Tilqim attiv għall-klieb minn età ta' 6 ġimgħat.

- biex tilqa' għas-sinjali kliniċi (tnixxija mill-imnieħer u l-għajnejn) u tnaqqas it-tixrid virali kkważati mill-canine parainfluenza virus.

Bidu tal-immunità:

3 ġimgħat wara l-kors primarju.

Tul tal-immunità:

Tal-anqas sena wara l-kors primarju ta' tilqim.

3.3 Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

3.4 Twissijiet speċjali

Rispons immunitarju tajjeb jiddependi fuq sistema immunitarja kompletament kompetenti. Il-kompetenza immunitarja tal-annimal tista' tiġi kompromessa minn varjetà ta' fatturi li jinkludu saħħha fqira, stat nutrizzjonali, fatturi ġenetiċi, kura b'mediċini fl-istess ħin u stress.

Laqqam biss annimali f'saħħithom.

3.5 Prekawzjonijiet speċjali għall-użu

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi li fuqhom ser jintuża l-prodott:

L-istrejn attenwat ħaj mill-vaċċin tal-virus CPiV jista' jinxtered mill-klieb imlaqqma wara t-tilqima. Mandankollu, minħabba fil-patoġeniċità baxxa ta' dan l-istrejn m'hemmx għalfejn li klieb imlaqqma jiġu sseparati minn klieb mhux imlaqqma.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali veterinarju lill-annimali

F'każ ta' amministrazzjoni aċċidentalni lilek innifsek, hu parir mediku fil-pront u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

3.6 Effetti mhux mixtieqa

Klieb:

Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimali ittrattati):	Nefħa fis-sit tal-injezzjoni ¹
Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali ittrattati):	reazzjonijiet ipersensittivi (anafilassi, anġoedima, xokk ċirkulatorju, kollass, dijarea, dispneja, remettar) anoressija, nuqqas fl-attività
Rari ħafna (<1 annimal / 10,000 annimali ittrattati, inkluż rapporti iżolati):	Ipertermja, letarġija, telqa' ġenerali

¹Nefha li tgħaddi (sa 5 cm) li tista' tkun tweġġa', sħuna jew ħamra. Sal-14-il jum wara t-tilqima kull nefħa ta' dan it-tip għandha tkun telqet waħedha jew naqset ħafna.

²Jekk iseħħu reazzjonijiet ipersensittivi għandha tingħata kura xierqa mingħajr dewmien. Dawn ir-reazzjonijiet jistgħu jevolvu f'kundizzjoni ħafna aktar gravi li tista' tkun ta' periklu tal-mewt.

Ir-rappurtar ta' effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurta ta' prodott mediċinali veterinarju. Ir-rapporti għandhom jintbagħtu, preferibbilm permezz ta' veterinarju, jew lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq jew lill-awtorità nazzjonali kompetenti permezz tas-sistema ta' rappurtar nazzjonali. Ara il-fuljett ta' tagħrif għal dettalji ta' kuntatt rispettivi..

3.7 Użu fit-tqala, fit-treddigħ u fi żmien il-bidien

Tqala u treddigħ:

Jista' jintuża waqt it-tieni u t-tielet stadju tat-tqala. Is-sigurtà tal-prodott ma għietx investigata waqt l-istadju bikri tat-tqala u fit-treddigħ.

3.8 Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħra jew forom oħra ta' interazzjoni

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor ħlief Versiguard Rabies u Versican Plus L4. Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għandha tittieħed każ b'każ.

Leptospira:

Jekk hemm bżonn ta' protezzjoni kontra l-Leptospira, il-klieb jistgħu jitlaqqmu b'żewġ dożi ta' Versican Plus Pi mħallta ma' Versican Plus L4 3-4 ġimħat minn xuxin minn età ta' 6 ġimħat. Il-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versican Plus Pi għandu jiġi rikostitwit mal-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versican Plus L4 (minnflok is-solvent). Ladarba mħallta, il-kontenut tal-kunjett għandu jidher bajdani lejn l-isfar b'opalexxa nza ħafifa. Il-vaċċini mħallta għandhom jiġu injettati fil-pront taħt il-ġilda.

Rabbja

Jekk hemm bżonn ta' protezzjoni kontra r-rabbja:

L-ewwel doża: Versican Plus Pi minn età ta' 8-9 ġimħat.

It-tieni doża: Versican Plus Pi mħallta ma' Versiguard Rabies 3-4 ġimħat wara imma mhux qabel l-età ta' 12-il ġimħa.

Il-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versican Plus Pi għandu jiġi rikostitwit mal-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versiguard Rabies (minnflok is-solvent). Ladarba mħallta, il-kontenut tal-kunjett għandu jidher kulur roża/aħmar jew safrani b'opalexxa nza ħafifa. Il-vaċċini mħallta għandhom jiġu injettati fil-pront taħt il-ġilda.

Fi studji fil-laboratorju l-effikaċja tal-frazzjoni tar-rabbja ġiet ippruvata wara doża waħda minn età ta' 12-il ġimħa. Mandankollu, f'field studies 10% ta' klieb sero-negattivi ma wrewx serokonverżjoni ($> 0.1 \text{ IU/ml}$) 3-4 ġimħat wara tilqima primarja waħda kontra r-rabbja.

Xi annimali jistgħu wkoll ma jurux livelli ta' $> 0.5 \text{ IU/ml}$ wara t-tilqima primarja. Il-livelli ta' antikorpi jaqgħu matul il-kors tat-3 snin ta' immunità, għalkemm il-klieb huma protetti jekk jiġu sfidati. F'każ ta' vjaġġar lejn żoni ta' riskju jew barra mill-UE, veterinarji jistgħu jagħżlu li jagħtu aktar tilqimiet tar-rabbja wara l-età ta' 12-il ġimħa biex ikun żgurat li l-klieb imlaqqma ikollhom livelli ta' antikorpi $\geq 0.5 \text{ IU/ml}$, li ġeneralment huma meqjusa li jagħtu protezzjoni biżżejjed u li jilħqu il-bżonnijiet tat-test tal-ivjaġġar (livell ta' antikorpi $\geq 0.5 \text{ IU/ml}$).

Għalkemm l-effikaċja tal-frazzjoni tar-rabbja ġiet murija wara amministrazzjoni fit-12-il ġimħa, fid-diskrezzjoni tal-veterinarju, f'każ ta' bżonn, klieb ta' anqas minn 8 ġimħat jistgħu jiġi mlaqqma b'Versican Plus Pi mħallat ma' Versiguard Rabies billi s-sigurtà ta' din l-assoċċjazzjoni ġiet stabilita fi klieb ta' 6 ġimħat.

3.9 Metodi ta' amministrazzjoni u dożaġġ

Użu għal taħt il-ġilda.

Dożaġġ u metodu ta' amministrazzjoni:

Irrikostitwixxi b'mod asettiku l-ljofiliżat mas-solvent. Ħallat sew u immedjatament amministra l-kontenut kollu (1 ml) tal-prodott rikostitwit.

Apparenza tal-vaċċin rikostitwit: kulur bajdani lejn l-isfar b'opalexxa nza ħafifa.

Skema għat-tilqima primarja:

Żewġ dożi ta' Versican Plus Pi 3-4 ġimġħat minn xulxin minn età ta' 6 ġimġħat.

Skema għat-tilqima ripetuta:

Doża waħda ta' Versican Plus Pi għandha tingħata kull sena.

3.10 Sintomi ta' doża eċċessiva (u fejn applikabbi, proċeduri ta' emerġenza u antidoti)

L-ebda effett ieħor mhux mixtieq barra dawk imsemmija f'sezzjoni 3.6 ma kienet osservata wara l-amministrazzjoni ta' doża eċċessiva tal-vaċċin b'10 darbiet ikbar. Madankollu, f'minornaza tal-animali nħass ugħiġ fis-sit tal-injezzjoni immedjatament wara l-amministrazzjoni ta' doża eċċessiva tal-vaċċin b'10 darbiet ikbar.

3.11 Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu, inklużi restrizzjonijiet dwar l-użu ta' prodotti mediciinali veterinarji antimikrobiċi u antiparassitiċi sabiex jiġi limitat ir-riskju ta' żvilupp ta' reżistenza

Mhux applikabbi.

3.12 Perjodi ta' tiżmim

Mhux applikabbi.

4. INFORMAZZJONI IMMUNOLOĠIKA

4.1 Kodiċi ATC veterinarja: QI07AD08

It-tilqima hija intenzjonata għall-immunizzazzjoni attiva fi ġriewi f'saħħithom u klieb kontra mard ikkawżat mill-virus tal-canine parainfluenza.

5. TAGħrif FARMAĊEWTIKU

5.1 Inkompatibbiltajiet maġġuri

Tħallatx ma' ebda prodott mediciinali veterinarju ieħor ħlief dawk imsemmija f'sezzjoni 3.8.

5.2 Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediciinali

Żmien kemm idum tajjeb il-prodott mediciinali veterinarju kif ippakkjat għall-bejgħ: sentejn. Żmien kemm idum tajjeb wara li jitħallat skont l-istruzzjonijiet: uża fil-pront.

5.3 Tagħrif speċjali dwar kif għandu jinħażen

Aħżeen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8°C).

Tiffriżax.

Ipproteġi mid-dawl.

5.4 In-natura u l-għamla tal-ippakkjar li jmiss mal-prodott

Kunjett tal-ħġieġ Tip I li fih doża waħda ta' lijofiliżat magħluq b'tapp tal-bromobutyl rubber u kappa tal-aluminju.

Kunjett tal-ħġieġ Tip I li fih 1 ml solvent magħluq b'tapp tal-chlorobutyl rubber u kappa tal-aluminju.

Daqsijiet tal-pakketti:

Kaxxa tal-plastik b'25 kunjett (doża waħda) tal-lijofiliżat u 25 kunjett (1 ml) tas-solvent.

Kaxxa tal-plastik b'50 kunjett (doża waħda) tal-lijofiliżat u 50 kunjett (1 ml) tas-solvent.

Mhux id-daqsjiet kollha tal-pakkett jistgħu qegħdin fis-suq.

5.5 Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi tal-prodotti mediciinali veterinarji mhux użati jew materjal ieħor għar-rimi li huwa derivat minn dawn il-prodotti

Il-mediciċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħmuġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediciinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediciinali veterinarju skont kif jitkolu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbli għall-prodott mediciinali veterinarju kkonċernat.

6. ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

Zoetis Belgium

7. NUMRU(I) TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID FIS-SUQ

EU/2/14/168/001

EU/2/14/168/002

8. DATA TAL-EWWEL AWTORIZZAZZJONI

Data tal-ewwel awtorizzazzjoni: 04/07/2014.

9. DATA TAL-AĦĦAR REVIŻJONI TAL-KARTTERISTIĊI TAL-PRODOTT FIL-QOOSR

10. KLASSIFIKAZZJONI TAL-PRODOTTI MEDICIINALI VETERINARJI

Prodott mediciinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediciinali veterinarju tinstab fil-Bażi tad-data tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

ANNESS II

**KONDIZZJONIJIET U ĦTIĠIJIET OĦRA TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEGĦID
FIS-SUQ**

Xejn.

ANNESS III
TIKKETTA U L-FULJETT TA' TAGĦRIF

A. TIKKETTA

TAGĦRIF LI GĦANDU JIDHER FUQ IL-PAKKETTA' BARRA

KAXXA

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Versican Plus Pi lijofiliżat u solvent għal sospensjoni għall-injezzjoni għall-klieb.

2. DIKJARAZZJONI TAS-SUSTANZA ATTIVA U SUSTANZI OĦRA

Kull doża (1 ml) fiha:

Sustanzi attivi:

Lijofiliżat (attenwat ħaj):

Canine parainfluenza virus Tip 2

Minimu

$10^{3.1}$ TCID₅₀

Massimu

$10^{5.1}$ TCID₅₀

Solvent:

Ilma għall-injezzjonijiet (*Aqua ad injectabilia*)

3. DAQS TAL-PAKKETT

25 x doża waħda

50 x doża waħda

4. SPEĊI GĦAL XIEX HUWA INDIKAT IL-PRODOTT

Klieb.

5. INDIKAZZJONIJIET

6. MODI TA' AMMINISTRAZZJONI

Użu taħt il-ġilda.

7. ŻMIEN TA' TIŻMIM

8. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ssss}

Ladarba jitħallat uża fil-pront.

9. KUNDIZZJONIJIET SPEĊJALI DWAR KIF GĦANDU JINĦAŻEN

Aħżeen u ttrasporta ġo friġġ.
Tiffriżax.
Ipproteġi mid-dawl.

10. IL-KLIEM “AQRA L-FULJETT TA’ TAGħrif QABEL L-UŻU”

Aqra il-fuljett ta’ tagħrif qabel l-użu.

11. IL-KLIEM “GĦALL-KURA TAL-ANIMALI BISS”

Għall-kura tal-animali biss.

12. IL-KLIEM “ŻOMM FEJN MA JIDHIRX U MA JINTLAĦAQX MIT-TFAL”

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

13. L-ISEM TAD-DETENTUR TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

Zoetis Belgium

14. NUMRI TAL-AWTORIZZAZZJONI GĦAT-TQEKGħID FIS-SUQ

EU/2/14/168/001 25 x doża
EU/2/14/168/002 25 x doża

15. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

KUNJETT (LIJOFILIŻAT DOŻA WAĦDA)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Versican Plus Pi



2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI

Pi
Doża waħda

3. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

4. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ssss}

Ladarba jitħallat uża fil-pront.

**TAGĦRIF MINIMU LI GĦANDU JIDHER FUQ UNITAJIET ŻGĦAR TA' IPPAKKJAR LI
JMISS MAL-PRODOTT**

KUNJETT (SOLVENT 1 ML)

1. ISEM TAL-PRODOTT MEDIĊINALI VETERINARJU

Versican Plus Pi



2. ID-DETTALJI KWANTITATTIVI TAS-SUSTANZI ATTIVI

Aqua ad injectabilia

1 ml

3. NUMRU TAL-LOTT

Lott {numru}

4. DATA TA' SKADENZA

Exp. {xx/ssss}

B. FULJETT TA' TAGĦRIF

FULJETT TA' TAGĦRIF GĦAL:

1. L-isem tal-prodott mediciinali veterinarju

Versican Plus Pi lijofiliżat u solvent għal sospensjoni għall-injezzjoni għall-klieb

2. Kompożizzjoni

Kull doża ta' 1 ml fiha:

Sustanzi attivi:

Lijofiliżat (attenwat ħaj):

Canine parainfluenza virus Tip 2, strejn CPiV-2-Bio 15

Minimu

$10^{3.1}$ TCID₅₀*

Massimu

$10^{5.1}$ TCID₅₀*

Solvent (inattivat):

Ilma għall-injezzjonijiet (*Aqua ad injectabilia*)

1 ml

* 50% doża infettiva tat-tessut ikkultivat.

L-apparenza viżiva hija kif ġej:

Lijofiliżat: materja bħal sponża ta' lewn bajdani.

Solvent: likwidu ċar bla kulur.

3. Speċi li għalihom huwa indikat il-prodott

Klieb.

4. Indikazzjonijiet għall-użu

Tilqim attiv għall-klieb minn età ta' 6 ġimħat:

- biex tilqa' għas-sinjalji kliniċi (tnixxija mill-imnieħer u l-għajnejn) u tnaqqas it-tixrid virali kkawżat mill-canine parainfluenza virus.

Bidu tal-immunità:

3 ġimħat wara l-kors primarju.

Tul tal-immunità:

Tal-anqas sena wara l-kors primarju ta' tilqim.

5. Kontraindikazzjonijiet

Xejn.

6. Twissijiet speċjali

Twissijiet speċjali:

Rispons immunitarju tajjeb jiddependi fuq sistema immunitarja kompletament kompetenti. Il-kompetenza immunitarja tal-annimal tista' tiġi kompromessa minn varjetà ta' fatturi li jinkludu saħħa fqira, stat nutrizzjonali, fatturi ġenetiċi, kura b'mediċini fl-istess ħin u stress.

Laqqam biss annimali f'saħħithom.

Prekawzjonijiet speċjali għall-użu sigur fl-ispeċi għal xiex huwa indikat:

L-istrejn attenwati ħaj mill-vaċċin tal-virus CPiV jista' jinxtered mill-klieb imlaqqma wara t-tilqima. Mandankollu, minħabba fil-patoġeniċità baxxa ta' dan l-istrejn m'hemmx għalfejn li klieb imlaqqma jiġu sseparati minn klieb mhux imlaqqma.

Prekawzjonijiet speċjali li għandhom jittieħdu mill-persuna li tamministra l-prodott mediċinali: veterinarju lill-animali:

F'każ ta' amministrazzjoni aċċidentalni lilek innifsek, hu parir mediku fil-pront u uri l-fuljett ta' tagħrif jew it-tikketta lit-tabib.

Prekawzjonijiet speċjali għall-protezzjoni tal-ambjent:

Mhux applikabbli.

Tqala u treddiġi:

Jista' jintuża waqt it-tieni u t-tielet stadju tat-tqala. Is-sigurtà tal-prodott ma ġietx investigata waqt l-istadju bikri tat-tqala u fit-treddiġi.

Interazzjoni ma' prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta' interazzjoni:

M'hemmx informazzjoni dwar is-sigurtà u l-effikaċja ta' dan il-vaċċin jekk jintuża flimkien ma' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju ieħor ħlief Versiguard Rabies u Versican Plus L4 . Id-deċiżjoni sabiex jintuża dan il-vaċċin qabel jew wara xi prodott mediċinali veterinarju ieħor, għandha tittieħed każ b'każ.

Leptospira:

Jekk hemm bżonn ta' protezzjoni kontra l-*Leptospira*, il-klieb jistgħu jitlaqqmu b'żewġ dożi ta' Versican Plus Pi imħallta ma' Versican Plus L4 3-4 ġimħat minn xulxin minn età ta' 6 ġimħat. Il-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versican Plus Pi għandu jiġi rikostitwit mal-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versican Plus L4 (minnflok is-solvent). Ladarba mħallta, il-kontenut tal-kunjett għandu jidher bajdani lejn l-isfar b'opalexxa ħafifa. Il-vaċċini mħallta għandhom jiġu injettati fil-pront taħt il-ġilda.

Rabbja:

Jekk hemm bżonn ta' protezzjoni kontra r-rabbja:

L-ewwel doża: Versican Plus Pi minn età ta' 8-9 ġimħat.

It-tieni doża: Versican Plus Pi mħallta ma' Versiguard Rabies 3-4 ġimħat wara imma mhux qabel l-età ta' 12-il ġimħa.

Il-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versican Plus Pi għandu jiġi rikostitwit mal-kontenut ta' kunjett wieħed ta' Versiguard Rabies (minnflok is-solvent). Ladarba mħalha, il-kontenut tal-kunjett għandu jidher kulur roża/aħmar jew safrani b'opalexxa ħafifa. Il-vaċċini mħallta għandhom jiġu injettati fil-pront taħt il-ġilda.

Fi studji fil-laboratorju l-effikaċja tal-frazzjoni tar-rabbja ġiet ippruvata wara doża waħda minn età ta' 12-il ġimħa. Mandankollu, f'*field studies* 10% ta' klieb sero-negattivi ma wrewx serokonverżjoni (> 0.1 IU/ml) 3-4 ġimħat wara tilqima primarja waħda kontra r-rabbja.

Xi annimali jistgħu wkoll ma jurux livelli ta' > 0.5 IU/ml wara t-tilqima primarja. Il-livelli ta' antikorpi jaqgħu matul il-kors tat-3 snin ta' immunità, għalkemm il-klieb huma protetti jekk jiġu sfidati. F'każ ta' vjaġġar lejn żoni ta' riskju jew barra mill-UE, veterinarji jistgħu jagħżlu li jagħtu aktar tilqimiet tar-rabbja wara l-età ta' 12-il ġimħa biex ikun żgurat li l-klieb imlaqqma ikollhom livelli ta' antikorpi ≥ 0.5 IU/ml, li ġeneralment huma meqjusa li jagħtu protezzjoni biżżejjed u li jilħqu il-bżonnijiet tat-test tal-ivvjaġġar (livell ta' antikorpi ≥ 0.5 IU/ml).

Għalkemm l-effikaċja tal-frazzjoni tar-rabbja ġiet murija wara amministrazzjoni fit-12-il ġimħa, fid-diskrezzjoni tal-veterinarju, f'każ ta' bżonn, klieb ta' anqas minn 8 ġimħat jistgħu jiġi mlaqqma b'Versican Plus Pi imħallat ma' Versiguard Rabies billi s-sigurtà ta' din l-assoċjazzjoni ġiet stabbilita fi klieb ta' 6 ġimħat.

Doża eċċessiva:

L-ebda avveniment ieħor mhux mixtieq barra dawk imsemmija f“Effetti mhux mixtieqa” ma kien osservat wara l-amministrazzjoni ta’ doża eċċessiva tal-vaċċin b’10 darbiet. Madankollu f’mornaza tal-annimali nħass uġiġ fis-sit tal-injezzjoni immedjatament wara l-amministrazzjoni ta’ doża eċċessiva tal-vaċċin b’10 darbiet.

Restrizzjonijiet speċjali għall-użu u kundizzjonijiet speċjali għall-użu:
Mhux applikabbli.

Inkompatibilitajiet maġġuri:

Tħallatx ma’ ebda prodott mediċinali veterinarju ieħor ħlief dawk imsemmija f’sezzjoni “Interazzjoni ma’ prodotti mediċinali oħrajn u forom oħrajn ta’ interazzjoni”.

7. Effetti mhux mixtieqa

Klieb:

<u>Komuni (1 sa 10 annimali / 100 annimali ittrattati):</u>
Nefħa fis-sit tal-injezzjoni ¹
<u>Rari (1 sa 10 annimali / 10,000 annimali ittrattati):</u>
reazzjonijiet ipersensittivi ² (anafilassi, anġoedima, xokk ċirkulatorju, kollass, dijarea, dispneja, remettar) anoressija, nuqqas fl-attività
<u>Rari ħafna</u> (<1 annimal / 10,000 annimali ittrattati, inkluż rapporti iżolati):
Ipertermja, letarġija, telqa’ ġenerali

¹Nefha li tgħaddi (sa 5 cm) li tista’ tkun tweġġa’, sħuna jew ħamra. Sal-14-il jum wara t-tilqima kull nefħa ta’ dan it-tip għandha tkun telqet waħedha jew naqset ħafna.

²Jekk iseħħu reazzjonijiet ipersensittivi għandha tingħata kura xierqa mingħajr dewmien. Dawn ir-reazzjonijiet jistgħu jevolvu f’kundizzjoni ħafna aktar gravi li tista’ tkun ta’ periklu tal-mewt.

Ir-rappurtar ta’ effetti mhux mixtieqa huwa importanti. Dan jippermetti monitoraġġ kontinwu tas-sigurtà ta’ prodott. Jekk tinnota xi effetti serji anke dawk mhux imsemmija f’dan il-fuljett, jew taħseb li l-mediċina ma’ ħadmitx, jekk jogħġibok ikkuntattja, mal-ewwel, lill-verinarju tiegħek. Tista’ tirrapporta wkoll kwalunkwe effett mhux mixtieq lid-detentur tal-awtorizzazzjoni għat-taqegħid fis-suq billi tuża d-dettalji ta’ kuntatt fit-tmiem ta’ dan il-fuljett, jew permezz tas-sistema ta’ rapportaġġ nazzjonali: {dettalji tas-sistema nazjonali}.

8. Doża għal kull speċi, mod u metodu ta’ amministrazzjoni

Użu taħt il-ġilda.

Skema għat-tilqima primarja:

Żewġ dożi ta’ Versican Plus Pi 3-4 gimħat minn xulxin minn età ta’ 6 gimħat.

Skema għat-tilqima ripetuta:

Doża waħda ta’ Versican Plus Pi għandha tingħata kull sena.

9. Parir sabiex tamministra b’mod korrett

Irrikostitwixxi b’mod asettiku l-ljofiliżat mas-solvent. Ħallat sew u immedjatament amministra l-kontenut kollu (1 ml) tal-prodott rikostitwit.

Apparenza tal-vaċċin rikostitwit: kulur ċar bajdani lejn l-isfar b'opalexxa ħafifa.

10. Perjodi ta' tiżmim

Mhux applikabbi.

11. Prekawzjonijiet speċjali għall-ħażna

Żomm fejn ma jidhirx u ma jintlaħaqx mit-tfal.

Aħżeen u ttrasporta ġo friġġ (2°C – 8°C).

Tiffriżax.

Ipproteġi mid-dawl.

Tużax dan il-prodott mediċinali veterinarju wara d-data ta' skadenza murija fuq it-tikketta wara Exp. Id-data tal-iskadenza tirreferi għall-aħħar ġurnata ta' dak ix-xahar.

Uża fil-pront wara li jitħallat.

Iż-żmien kemm idum tajjeb wara li jiġi rikostitwit skont kif rakkomandat: uża fil-pront.

12. Prekawzjonijiet speċjali għar-rimi

Il-mediċini m'għandhomx jiġu mormija mal-ilma maħluġ jew mal-iskart domestiku.

Uża skemi ta' teħid lura għar-rimi ta' kwalunkwe prodott mediċinali veterinarju li ma ġiex użat jew materjal għar-rimi li huwa derivat minn dan il-prodott mediċinali veterinarju skont kif jitkolbu r-regolamenti tal-pajjiż u skont kwalunkwe sistema nazzjonali tal-ġbir applikabbi. Dawn il-miżuri għandhom jgħinu sabiex jipproteġu l-ambjent.

Staqsi lill-kirurgu veterinarju jew lill-ispiżjar tiegħek dwar kif l-aħjar li tarmi l-mediċini li ma jkunux aktar meħtieġa.

13. Klassifikazzjoni tal-prodotti mediċinali veterinarji

Prodott mediċinali veterinarju li jingħata bir-riċetta.

14. Numri tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-daqsijiet tal-pakkett

EU/2/14/168/001-002

Kaxxa tal-plastik b'25 kunjett (doża waħda) tal-lijofiliżat u 25 kunjett (1 ml) tas-solvent.
Kaxxa tal-plastik b'50 kunjett (doża waħda) tal-lijofiliżat u 50 kunjett (1 ml) tas-solvent.

Mhux id-daqsijiet kollha tal-pakkett jistgħu qiegħdin fis-suq.

15. Id-data li fiha ġie rivedut l-aħħar il-fuljett ta' tagħrif

{XX/SSSS}

Informazzjoni dettaljata dwar dan il-prodott mediċinali veterinarju tinstab fil-Bażi tad-data tal-prodotti tal-Unjoni (<https://medicines.health.europa.eu/veterinary>).

16. Dettalji ta' kuntatt

Detentur tal-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u d-dettalji ta' kuntatt biex jiġu rrappurtati effetti mhux mixtieqa:

Zoetis Belgium
Rue Laid Burniat 1
1348 Louvain-la-Neuve
Il-Belġju

België/Belgique/Belgien
Tél/Tel: +32 (0) 800 99 189
pharmvig-belux@zoetis.com

Република България
Тел: +359 888 51 30 30
zoetisromania@zoetis.com

Česká republika
Tel: +420 257 101 111
infovet.cz@zoetis.com

Danmark
Tlf: +45 70 20 73 05
adr.scandinavia@zoetis.com

Deutschland
Tel: +49 30 2020 0049
tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com

Eesti
Tel: +370 610 05088
zoetis.estonia@zoetis.com

Ελλάδα
Τηλ: +30 210 6791900
infogr@zoetis.com

España
Tel: +34 91 4191900
regulatory.spain@zoetis.com

France
Tél: +33 (0)800 73 00 65
contacteznous@zoetis.com

Hrvatska
Tel: +385 1 6441 462
pv.westernbalkans@zoetis.com

Ireland
Tel: +353 (0) 1 256 9800
pvsupportireland@zoetis.com

Lietuva
Tel: +370 610 05088
zoetis.lithuania@zoetis.com

Luxembourg/Luxemburg
Tél/Tel: +32 (2) 746 80 11
pharmvig-belux@zoetis.com

Magyarország
Tel.: +36 1 224 5200
hungary.info@zoetis.com

Malta
Tel: +356 21 465 797
info@agrimedltd.com

Nederland
Tel: +31 (0)10 714 0900
pharmvig-nl@zoetis.com

Norge
Tlf: +47 23 29 86 80
adr.scandinavia@zoetis.com

Österreich
Tel: +43 (0)1 2701100 100
tierarzneimittelsicherheit@zoetis.com

Polska
Tel.: +48 22 2234800
pv.poland@zoetis.com

Portugal
Tel: +351 21 042 72 00
zoetis.portugal@zoetis.com

România
Tel: +40785019479
zoetisromania@zoetis.com

Slovenija
Tel: +385 1 6441 462
pv.westernbalkans@zoetis.com

Ísland
Sími: +354 540 8000
icepharma@icepharma.is

Italia
Tel: +39 06 3366 8111
farmacovigilanza.italia@zoetis.com

Κύπρος
Τηλ: +30 210 6791900
infogr@zoetis.com

Latvija
Tel: +370 610 05088
zoetis.latvia@zoetis.com

Slovenská republika
Tel: +420 257 101 111
infovet.cz@zoetis.com

Suomi/Finland
Puh/Tel: +358 10 336 7000
laaketurva@zoetis.com

Sverige
Tel: +46 (0) 76 760 0677
adr.scandinavia@zoetis.com

United Kingdom (Northern Ireland)
Tel: +353 (0) 1 256 9800
pvsupportireland@zoetis.com

Manifattur responsabili għall-ħruġ tal-lott:
Bioveta, a.s.,
Komenskeho 212/12
683 23 Ivanovice Na Hane
Ir-Repubblika Ċeka.

17. Tagħrif ieħor

It-tilqima hija intenzjonata għall-immunizzazzjoni attiva fi ġriewi f'saħħiethom u klieb kontra mard ikkawżat mill-virus tal-canine parainfluenza.